24 ta' Marzu, 1944.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Rikors tan-Nutar Luigi Gauci Forno *versus* Concetta Mintoff

**Komunjoni — Diviżjoni — Elevazzjoni — Bejgħ — Subasta — Art. 191 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, u art. 317 tal-Proċedura Ċivili.**

*Beni komuni bejn id-debitur u ħaddieħor ma jistax issir eżekuzzjoni fuqhom qabel ma ssir il-qasma tagħhom. Jekk il-beni jkunu mobili, jistgħu jiġu elevati, imma ma jistgħux jinġiebu fis-subasta qabel ma jinqasmu.*

*Il-konsorti jista' jaljena l-kwota intellettwali tiegħu fil-komunjoni, imma ma jistax jiddisponi minn ħaġa determinata appartenenti lill-patrimonju komuni; u hekk ukoll il-kreditur partikulari ta' wieħed mill-konsorti ma għandux dritt iġib fis-subasta immobili komuni għall-konsegwiment ta' dak li huwa lilu dovut. U dan aċ-ċaqa l-kreditu tiegħu huwa sopportabili mill-komproprjetarji l-oħra kollha, imma huwa jiġi esegwit kontra wieħed minnhom biss.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Nutar Luigi Gauci Forno, wara li qal li huwa kreditur ta' l-imsemmija Mintoff fl-ammont ta' £44. 13. 1, lilu dovuti għal drittijiet professjonali skond taxxa (dok. A) u għal spejjeż relativi skond kont (dok. B), li ġew eżibiti ma' l-ittra uffiċjali tiegħu tas-16 ta' Marzu 1943 (dok. C), li biha dik it-taxxa saret titolu eżekutiv; talab li għall-ħlas ta' dak l-ammont u in eżekuzzjoni ta' l-istess taxxa jiġi ordnat il-bejgħ ġudizzjarju tal-kwint' indiviż tal-korp ta' bini l-Ħamrun, Triq Kardinal Sciberras, numri 41, 42, 43 u 44, li huma stmati £170 kull fond intier, u a skans ta' spejjeż tiġi adottata l-istima tagħhom magħmula fl-okkażjoni tal-kawża fl-ismijiet "Concetta Mintoff vs. Carmela Lautier" deċiża minn dina l-Qorti fis-7 ta' Novembru 1941 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re b'sentenza tal-25 ta' Mejju 1942, u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura—beni li huma deskritti fl-anness estratt tad-diviżjoni in atti ta' l-istess Nutar Luigi Gauci Forno tad-29 ta' Jannar 1943 (dok. D);

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi l-korp ta' bini li tiegħu qiegħda tintalab is-subasta kien jifforma parti mill-assi soċjali konjugali ta' Gio Maria u Marianna miżżewġin Farrugia, u in forza tad-diviżjoni in atti Gauci Forno tad-29 ta' Jannar 1943 iffurmaw parti mill-porzjoni ta' l-assi partikulari ta' l-imsemmi Gio Maria Farrugia;

Illi għadha ma saretx il-qasma ta' l-assi partikulari ta' l-imsemmi Gio Maria Farrugia bejn il-werrieta tiegħu, li waħda minnhom hija l-intimata Concetta mart Lorenzo Mintoff f'sehem ekwivalenti għal kwint mill-intier, u għalhekk l-imsemmi korp ta' bini huwa komuni bejn l-intimata, debitriċi ta' l-attur, u l-werrieta l-oħra ta' l-imsemmi Gio Maria Farrugia;

Illi għalkemm il-kreditu tar-rikorrent għandu jiġi sopportat mill-werrieta kollha ta' l-imsemmi Gio Maria Farrugia, ir-rikorrent, iżda, billi evidentement ipprevalixxa ruħu mis-solidarjetà ta' bejniethom favur tiegħu, għażel li jagixxi kontra l-intimata biss, u għalhekk għandu jiġi kunsidrat f'din il-proċedura bħala kreditur ta' l-intimata biss, u mhux ukoll tal-komproprejtarji l-oħrajn;

Tikkunsidra:

Illi kif għallmet il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru 1896, fil-kawża "De Carlo vs. Mallia" (Vol. XV, pag. 618), hija antika l-massima illi l-eżekuzzjoni ma tistax taqa' fuq beni komuni bejn id-debitur u ħadd ieħor qabel ma tkun saret id-diviżjoni. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili espressament jiddisponi li jistgħu jiġu elevati l-mobili indiviżi bejn id-debitur u ħadd ieħor, imma ma tistax issir il-vendita tagħhom qabel id-diviżjoni (art. 317). U din il-Qorti, bis-sentenza tal-5 ta' Marzu 1866 (III, 548), applikat il-prinċipju għall-eżekuzzjoni fuq l-immobili. Kif l-art. 191 ta' l-Ord. VII ta' l-1868 jagħti dritt lill-konsorti li jaljena l-kwota intellettwali tiegħu fil-komunjoni, imma le d-dritt li jiddisponi minn ħaġa determinata appartenenti għall-patrimonju komuni, billi huwa inċert, qabel id-diviżjoni, lil min il-ħaġa tista' bid-diviżjoni tippervjeni, hekk ukoll dak l-artikolu ma jattribwix lil kreditur partikulari ta' wieħed mill-konsorti d-dritt li jissubasta immobili komuni għall-konsegwiment ta' dak li huwa lilu dovut;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara utempestiva t-talba tar-rikorrenti, u għal din ir-raġuni tirrespinġiha bl-ispejjeż kontra tiegħu.